SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

26 ta' Jannar 2017 *

"Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Belġjan, Ġermaniż, Franċiż, Taljan, Olandiż u Awstrijak tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju — Koordinazzjoni tal-prezzijiet tal-bejgħ u skambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva — Regolament (KE) Nru 1/2003 — Artikolu 23(2) — Limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ — Obbligu ta' motivazzjoni — Protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi"

Fil-Kawża C-611/13 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2013

Hansa Metallwerke AG, stabbilita fi Stuttgart (il-Ġermanja),

Hansa Nederland BV, stabbilita f'Nijkerk (il-Pajjiżi l-Baxxi),

Hansa Italiana Srl, stabbilita f'Castelnuovo del Garda (l-Italja)

Hansa Belgium, stabbilita f'Asse (il-Belġju),

Hansa Austria GmbH, stabbilita f'Salzburg (l-Awstrija),

irrappreżentati minn S. Cappellari, H.-J. Hellmann u C. Malz, avukati,

rikorrenti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn L. Malferrari u R. Sauer, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

intervenjent fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, Viċi President tal-Qorti, li qed jaġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, M. Berger, E. Levits, S. Rodin (Relatur) u F. Biltgen, Imħallfin,

* * Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' Settembru 2015,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, Hansa Metallwerke AG, Hansa Nederland BV, Hansa Italiana Srl, Hansa Belgium, Hansa Austria GmbH jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Settembru 2013, Hansa Metallwerke *et* vs Il-Kummissjoni (T-375/10, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem, is-"sentenza appellata", EU:T:2013:475) li biha din ċaħdet ir-rikors tagħhom intiż għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, dwar il-proċedura għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39092 — Installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju) (iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni kkontestata"), u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti f'din id-deċiżjoni.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 1/2003

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), jipprevedi, fl-Artikolu 23(2) u (3) tiegħu:

"2. Il-Kummissjoni tista' b'deċiżjoni timponi multi fuq l-impriża u l-assoċjazzjoni tal-impriża meta, jew b'intenżjoni jew b'negligenza:

(a) jiksru l-Artikolu [101] jew [102 TFUE] [...]

[...]

Għal kull impriża u assoċjazzjoni ta' l-impriża li qed jipparteċipaw fil-ksur, il-multi mhux ser jaqbżu l-10 % tat-total ta' valur tal-bejgħ [dħul mill-bejgħ globali] fis-sena k[u]mmerċjali preċedenti.

[...]

3. Fit-twaħħil ta' l-ammont li jrid jiġi mmultat, rigward irrid jingħata lejn il-gravità u it-tul tal-ksur."

Il-Linji gwida tal-2006

3 Il-Linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Linji gwida tal-2006") jindikaw, fil-punt 2 tagħhom, li, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-multi, "il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni t-tul u l-gravità tal-ksur" u li "l-multa imposta ma għandhiex taqbeż il-limiti indikati fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 23(2) tar-[Regolament Nru 1/2003]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

4 Il-punt 37 tal-Linji gwida tal-2006 jipprovdi:

"Għalkemm dawn il-Linji gwida jesponu l-metodoloġija ġenerali għall-iffissar tal-multi, il-karatteristiċi partikolari ta' każ partikolari jew il-ħtieġa li jintlaħaq livell dissważiv f'każ partikolari jistgħu jiġġustifikaw li l-Kummissjoni ma timxix ma' din il-metodoloġija jew mal-limiti stabbiliti fil-punt 21." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

5 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti fil-punti 1 sa 34 tas-sentenza appellata u jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej.

6 Ir-rikorrenti huma manifatturi ta' viti u fittings.

7 Fil-15 ta' Lulju 2004, Masco Corp. u s-sussidjarji tagħha, fosthom Hansgrohe AG li timmanifattura viti u fittings, u Hüppe GmbH li timmanifattura diviżorji tad-doċċa, informaw lill-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' akkordju fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju u talbu sabiex jibbenefikaw mill-immunità minn multi skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 155, iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni tal-2002 dwar il-kooperazzjoni") jew, fin-nuqqas ta' dan, minn tnaqqis tal-ammont tal-multi li jistgħu jiġu imposti fuqhom.

8 Fid-9 u fl-10 ta' Novembru 2004, il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet mingħajr preavviż fl-istabbilimenti ta' diversi kumpanniji u assoċjazzjonijiet nazzjonali professjonali li joperaw fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju. Wara li indirizzat, bejn il-15 ta' Novembru 2005 u s-16 ta' Mejju 2006, talbiet għal informazzjoni lill-imsemmija kumpanniji u assoċjazzjonijiet, inklużi lir-rikorrenti, il-Kummissjoni, fis-26 ta' Marzu 2007, adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li wkoll ġiet innotifikata lil dawn tal-aħħar.

9 Wara seduta li nżammet mit-12 sal-14 ta' Novembru 2007, intbagħtet ittra li tesponi l-fatti u li titlob informazzjoni supplimentari fid-9 ta' Lulju 2009 indirizzata sussegwentement b'mod partikolari lir-rikorrenti, il-Kummissjoni, fit-23 ta' Ġunju 2010, adottat id-deċiżjoni kkontestata li biha hija kkonstatat l-eżistenza ta' ksur għall-Artikolu 101(1) TFUE u għall-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU 1994, L 1, p. 3) fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju. Dan il-ksur, li għalih ipparteċipaw 17-il impriża, żvolġa ruħu matul perijodi differenti inklużi bejn is-16 ta' Ottubru 1992 u d-9 ta' Novembru 2004 u ħadet il-forma ta' ftehimiet antikompetittivi flimkien jew ta' prattiki miftiehma fit-territorju Belġjan, Ġermaniż, Franċiż, Taljan, Olandiż u Awstrijak. Il-prodotti koperti mill-akkordju huma l-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju li jappartjenu għall-wieħed mit-tliet sottogruppi ta' prodotti li ġejjin: il-viti u fittings, id-diviżorji tad-doċċa u l-aċċessorji tagħhom, kif ukoll l-oġġetti taċ-ċeramika.

10 Fir-rigward tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur ikkonstatat, il-Kummissjoni ssemmi li, minkejja li kienu prinċipalment manifatturi ta' viti u fittings matul it-tul tal-ksur, minkejja li dawn kellhom konjizzjoni tal-varji firxiet ta' prodotti li kienu s-suġġett tal-ksur, fid-dawl tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħat kollużivi ta' diversi organi ta' koordinament li tagħhom huma kienu membri. It-tieni nett,

fir-rigward tal-portata ġeografika tal-akkordju, il-Kummissjoni kkunsidrat li r-rikorrenti pparteċipaw fil-laqgħat f'ħames minn sitt Stati Membri li fihom ġie kkonstatat ksur sal-2002, jiġifieri fil-Belġju, fil-Ġermanja, fl-Italja, fil-Pajjiżi l-Baxxi u fl-Awstrija. Fir-rigward ta' Franza, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li, minkejja l-eżistenza ta' ksur b'effett mis-sena 2002, ir-rikorrenti waqqfu milli jipparteċipaw fl-assoċjazzjoni nazzjonali professjonali kkonċernata matul dik is-sena. Madankollu, fid-dawl ta' diversi elementi ta' informazzjoni u ta' prova, hija kkunsidrat li r-rikorrenti setgħu raġonevolment jissuspettaw li l-prattiki antikompetittivi li kienu jikkaratterizzaw il-ksur irrilevat kienu jipproduċu effetti fit-territorju Franċiż. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rikorrenti ma setgħux jinjoraw il-portata ġenerali u l-karatteristiċi prinċipali tal-ksur inkwistjoni.

11 Għal dawn il-motivi, il-Kummissjoni imponiet, fil-punt 5 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, multi ta' ammont totali ta' EUR 14 758 220 fuq ir-rikorrenti.

12 Għall-kalkolu ta' dawn il-multi, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-linji gwida tal-2006.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

13 Permezz ta' att irreġistrat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Settembru 2010, ir-rikorrenti ippreżentaw rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali billi invokaw sitt motivi. L-ewwel motiv kien meħud minn żball ta' liġi u ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-ammont massimu tal-multa imposta bis-saħħa tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, it-tieni, minn ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, it-tielet, minn ksur tal-Artikolu 23(2) ta' dan ir-regolament, moqri flimkien mal-Komunikazzjoni tal-2002 fuq il-kooperazzjoni, li jirriżulta mill-iżball imwettaq fil-kalkolu tal-ammont tal-multa, ir-raba', minn ksur tal-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività, il-ħames, minn ksur tal-prinċipju ta' *nulla poena sine lege* li jirriżulta mill-Artikolu 23(2) tal-imsemmi regolament u, is-sitta, minn ksur tal-prinċipji ta' legalità tal-azzjoni amministrattiva u ta' ċertezza legali.

14 Sussidjarjament, ir-rikorrenti kienu jitolbu t-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta.

15 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

It-talbiet tal-partijiet

16 L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tirrigwarda lir-rikorrenti;

— sussidjarjament, tnaqqas l-ammont tal-multa;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż; u

— fuq bażi aktar sussidjarja, tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni.

17 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell;

— sussidjarjament, f'każ ta' annullament parzjali tas-sentenza, li tiċħad ir-rikors; u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

18 Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jqajmu tliet aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju tal-individwalizzazzjoni tal-pieni u tas-sanzjonijiet. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju tal-individwalizzazzjoni tal-pieni u tas-sanzjonijiet.

L-argumenti tal-partijiet

19 Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jargumentaw li l-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-punt 87 tas-sentenza appellata, kisret il-prinċipju tal-individwalizzazzjoni tal-pieni.

20 Fil-fatt, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi fl-eżerċizzju tas-setgħa li ngħatat lilha permezz tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 għall-iffissar tal-ammont tal-multi, billi applikat il-linji gwida tal-2006 biex tiddetermina l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuq ir-rikorrenti.

21 Madankollu, il-metodu ġenerali ta' kalkolu ddefinit minn dawn il-linji gwida jwassal, f'sitwazzjoni tali bħal dik inkwistjoni, li l-limitu massimu ta' 10 % previst fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 jkun regolarment maqbuż, b'mod partikolari għall-impriżi "ta' prodott wieħed" mhux iddiversifikati. L-applikazzjoni ta' dan il-metodu jwassal għaldaqstant għall-fatt li l-kriterji tat-tul u tal-gravità tal-ksur imwettaq minn dawn l-impriżi, li għalihom jirreferi l-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003, ma jittieħdux inkunsiderazzjoni b'mod xieraq. B'hekk, l-applikazzjoni tal-linji gwida jippreġudika, saħansitra iktar mil-linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u tal-Artikolu 65(5), [CA] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 171, iktar 'il quddiem il-"linji gwida tal-1998"), għall-prinċipju tal-individwalizzazzjoni tal-pieni.

22 L-appellanti jsostnu li, bis-saħħa tal-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, il-Qorti Ġenerali għandha ġurisdizzjoni sħiħa li tawtorizza, b'mod partikolari, li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni u, b'hekk, trażżan, tnaqqas jew tkabbar il-multa imposta minn din tal-aħħar. Barra minn hekk, mis-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2011, Putters International vs Il-Kummissjoni (T-211/08, EU:T:2011:289), kif ukoll mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2012, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39.452 - Ħardwer għal twieqi u bibien) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tat-28 ta' Marzu 2012"), jirriżulta li, meta l-Kummissjoni wettqet żball fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha ta' ffissar tal-ammont tal-multa, il-Qorti Ġenerali hija stess hija obbligata, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, li twettaq evalwazzjoni awtonoma tal-multa, ibbażata fuq iċ-ċirkustanzi partikolari f'dan il-każ.

23 Issa, fil-punt 87 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali naqqset milli twettaq tali evalwazzjoni u limitat ruħha li tirritorna, bi żball, lill-ġurisprudenza relattiva għall-kompatibbiltà tal-linji gwida tal-1998 mal-prinċipju tal-individwalizzazzjoni tal-pieni, billi tqies li din kienet tiswa wkoll, b'mod identiku, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-linji gwida tal-2006.

24 Il-Kummissjoni ssostni li dan l-aggravju huwa inammissibbli u f'kull każ infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

25 Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jilmentaw, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali li kisret, fil-punt 87 tas-sentenza appellata, id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju tal-individwalizzazzjoni tal-pieni, billi naqset milli twettaq evalwazzjoni awtonoma tal-multa u billi kkunsidrat li l-limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ previst fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan il-limitu massimu, elaborat fil-kuntest tal-linji gwida tal-1998, kienu japplikaw għad-determinazzjoni tal-multi imposti taħt l-imperu tal-linji gwida tal-2006. Il-Qorti Ġenerali b'hekk injorat li l-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida tal-aħħar għandha bħala effett, minn naħa, li l-gravità u tul tal-ksur ma humiex suffiċjentement meħudin inkunsiderazzjoni matul il-kalkolu tal-multa u, min-naħa l-oħra, li l-limitu massimu ta' 10 % huwa regolarment imqabbeż fil-każ tal-impriżi "ta' prodott wieħed" mhux iddiversifikati.

26 Għandu jiġi kkonstatat li, b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi.

27 Fil-fatt, kif il-Qorti Ġenerali rrilevat korrettament fil-punt 87 tas-sentenza appellata, mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-fatt li, minħabba l-applikazzjoni tal-limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, ċerti fatturi bħall-gravità u t-tul tal-ksur ma jaffettwawx b'mod effettiv fuq l-ammont tal-multa imposta hija biss konsegwenza sempliċi tal-applikazzjoni ta' dan il-limitu ogħla mill-imsemmi ammont finali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 279, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2012, Cetarsa vs Il-Kummissjoni, C-181/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:455, punt 81).

28 Fil-fatt, l-imsemmi limitu ogħla intiż li jevita li jkunu imposti multi li dwarhom huwa prevedibbli li l-impriżi, fid-dawl tad-daqs tagħhom, kif iddeterminat mid-dħul mill-bejgħ globali tagħhom, kieku kellu jkun b'mod approssimattiv u imperfett, mhux ser ikunu jistgħu jħallsuhom (is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 280, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2012, Cetarsa vs Il-Kummissjoni, C-181/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:455, punt 82).

29 Għaldaqstant, dan jikkonsisti f'limitu, applikabbli b'mod uniformi għall-impriżi kollha u fformulat skont id-daqs ta' kull waħda minnhom, li għandu l-għan li jevita multi ta' livell eċċessiv u sproporzjonat. L-istess limitu ogħla b'hekk għandu għan distint u awtonomu meta mqabbel ma' dak tal-kriterji ta' gravità u tul tal-ksur (is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punti 281 u 282, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2012, Cetarsa vs Il-Kummissjoni, C-181/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:455, punt 83).

30 Minn dan isegwi li kemm l-argumenti bbażati fuq it-teħid inkunsiderazzjoni insuffiċjenti tal-gravità u tat-tul tal-ksur, dovut għall-applikazzjoni tal-limitu massimu previst fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 bħal dawk ibbażati fuq il-fatt li l-imsemmi limitu huwa, minħabba l-linji gwida tal-2006 u kuntrarjament għal dak li kien seħħ taħt l-imperu tal-linji gwida tal-1998, regolament imqabbeż fil-każ tal-impriżi "ta' prodott wieħed" mhux iddiversifikati għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

31 Fil-fatt, anki jekk wieħed jippreżumi li, matul il-kalkolu tal-multi li jingħataw kontra l-impriżi li joffru ftit prodotti, l-ammonti intermedjarji jeċċedu b'mod iktar frekwenti l-limitu massimu previst fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 meta ssir applikazzjoni tal-linji gwida taal-2006 mill-Kummissjoni li taħt l-imperu tal-linji gwida tal-1998, tali ċirkustanza ma tistax tqiegħed fid-dubju l-legalità tal-applikazzjoni ta' dan il-limitu li għaliha l-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi, fir-rigward kemm tal-multi mogħtija taħt l-imperu tal-ewwel linji gwida kemm tat-tieni.

32 Għaldaqstant, ma jistax jiġi kkritikat lill-Qorti Ġenerali li, fil-punt 87 tas-sentenza appellata, approvat l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni kemm għall-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti, li kienet ibbażata fuq il-linji gwida tal-2006, mingħajr ma wettqet evalwazzjoni awtonoma ta' din il-multa.

33 Minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-ewwel aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni aggravju dwar l-obbligu ta' motivazzjoni

L-argumenti tal-partijiet

34 Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jargumentaw li l-iżviluppi tal-Qorti Ġenerali dwar il-prinċipju tal-individwalizzazzjoni tal-pieni huma vvizzjati b'nuqqas ta' motivazzjoni. Minkejja li, fil-punti 80 *et seq*, b'mod partikolari fil-punt 87 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat ċerti argumenti tar-rikorrenti dwar din id-domanda, hija ma evokatx dawk ibbażati fuq is-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2011, Putters International vs Il-Kummissjoni (T-211/08, EU:T:2011:289), u b'mod partikolari tal-kunsiderazzjonijiet li jidhru fil-punt 75 ta' din is-sentenza, minkejja l-importanza mogħtija lil dawn l-argumenti tal-aħħar mir-rikorrenti. Bl-istess mod, is-sentenza appellata ma tirreferix għall-motivi rilevanti tad-deċiżjoni tat-28 ta' Marzu 2012, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali ma tatx deċiżjoni fuq dawn il-punti.

35 Il-Kummissjoni tirrispondi li l-Qorti Ġenerali kienet unikament obbligata li tispeċifika l-motivi essenzjali tad-deċiżjoni tagħha, u mhux li tirreferi għal *obiter dictum* ta' sentenza determinata jew għal deċiżjoni ulterjuri tal-Kummissjoni.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

36 Għandu jiġi mfakkar li, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-obbligu ta' motivazzjoni li jaqa' fuq il-Qorti Ġenerali ma jimponix fuqha li tipprovdi osservazzjonijiet li jsegwu, b'mod eżawrjenti u wieħed wieħed, ir-raġunamenti kollha mogħtija mill-partijiet fil-kawża, b'mod li l-motivazzjoni tista' b'hekk tkun impliċita bil-kundizzjoni li tippermetti lill-partijiet interessati li jkunu jafu r-raġunijiet għalfejn il-Qorti Ġenerali ma laqgħatx l-argumenti tagħhom u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha elementi biżżejjed sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 372, kif ukoll tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punt 96).

37 B'mod partikolari, l-obbligu li tingħata motivazzjoni lis-sentenzi tagħha ma tistax fil-prinċipju testendi sa ma timponi lill-Qorti Ġenerali li tiġġustifika s-soluzzjoni miżmuma f'kawża meta mqabbel ma' dik miżmuma f'kawża determinata oħra li biha ġiet adita jew, inqas minn hekk, meta mqabbel ma' deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni f'każ ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Team Relocations et vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:464, punt 66, kif ukoll id-digriet tal-4 ta' Settembru 2014, Metropolis Inmobiliarias y Restauraciones vs UASI, C-509/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2173, punt51).

38 Konsegwentement, peress li l-Qorti Ġenerali, fis-sentenza appellata, ċarament esponiet il-motivi li għalihom kienet ċaħdet l-argumentazzjoni tar-rikorrenti, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipju tal-individwalizzazzjoni tal-pieni, għandu jiċċaħħad it-tieni aggravju bħala mhux fondat.

Fuq it-tielet aggravju, dwar il-ksur tal-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

39 Fuq it-tielet aggravju, l-appellanti jinvokaw ksur tal-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

40 F'dan ir-rigward, l-appellanti jargumentaw, b'mod partikolari, li, kif jirriżulta mill-punt 104 tas-sentenza appellata, huwa stabbilit li l-Kummissjoni kisret diversi drabi r-regoli proċedurali billi kkomunikat lill-impriżi oħrajn sigrieti tal-kummerċ li jikkonċernahom. Issa, fil-punti 102 sa 119 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali evalwat, b'mod formali ħafna, l-osservanza mill-Kummissjoni tal-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi injorat in-natura essenzjali tal-aspettattivi mogħtija mir-rikorrenti lis-servizzi tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-2002 fuq il-kooperazzjoni.

41 L-impriżi li jikkooperaw għandhom ikunu jistgħu jkollhom fiduċja fl-assigurazzjonijiet tal-Kummissjoni meta dawn jingħataw b'mod li jaqblu mill-aġenti responsabbli tat-tim responsabbli mill-każ. Jekk wieħed jikkunsidra, kif għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punt 115 tas-sentenza appellata, li tali assigurazzjonijiet ma jistabbilixxux tali fiduċja leġittimu minħabba li huma ma joħorġux mis-servizz kompetenti jmorru, skont ir-rikorrenti, kontra l-għan tal-interess ġenerali li jsegwi l-ksur u jikser il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

42 Skont il-Kummissjoni, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

43 Għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 110 sa 116 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk il-Kummissjoni kisritx il-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi ma tatx lir-rikorrenti tnaqqis tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqhom.

44 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali, ġustament, enfasizzat, fil-punt 111 tas-sentenza appellata, li jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li d-dritt li wieħed jitlob il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jippreżupponi li jiġu sodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi, li minnhom dik li tipprovdi assigurazzjonijiet preċiżi, inkundizzjonali u li jaqblu għandhom jiġu pprovduti mill-amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea [ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2007, AER vs Karatzoglou, C-213/06 P, EU:C:2007:453, punt 33, u tas-16 ta' Diċembru 2008, Masdar (UK) vs Il-Kummissjoni, C-47/07 P, EU:C:2008:726, punt 81]. Imbagħad, fil-punti 113 sa 116 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, f'dan il-każ, dawn it-tliet kundizzjonijiet ma kinux sodisfatti.

45 Issa, sa fejn l-argumentazzjoni mqajma mir-rikorrenti ssemmi, b'mod partikolari, il-punt 115 tas-sentenza appellata, dwar l-assenza tal-awtorizzazzjoni tal-aġenti jew tas-servizzi tal-Kummissjoni kkonċernati li jifformulaw tali assigurazzjonijiet, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-imsemmi punt jippreżenta, fi kwalunkwe każ, natura żejda u li din l-argumentazzjoni għaldaqstant ma tistax twassal għall-annullament tas-sentenza appellata.

46 Għaldaqstant, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala mingħajr effett.

47 Billi ebda wieħed mill-aggravji invokati mill-appellanti ma ntlaqa', l-appell għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

48 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

49 Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu f'dan is-sens. Peress li l-appellanti tilfu u l-Kummissjoni talbet li dawn jiġu kkundannati għall-ispejjeż, hemm lok li huma jiġu kkundannati għall-ispejjeż relatati ma' dan l-appell.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Hansa Metallwerke AG, Hansa Nederland BV, Hansa Italiana Srl, Hansa Belgium u Hansa Austria GmbH huma kkundannati għall-ispejjeż.

Firem